BALDASSRI: Din il-mogħdija għat-Tempju. M'hemmx triq oħra minn fejn igħaddi. S'issa messu ilu li ltaqa' magħna.

MELKJORRI: Jekk ma jdumx ma jasal, jilħaqna qabel ma naqbdu t-triq tax-xagħri.

LEHEN FIL-BOGHOD: Eh......eh......eh......eh......eh......

*Tinstama' għajta twila imkaxkra fil-bogħod.*

BALDASSRI: Din hija l-għajta tal-Qaddej tagħna. Iż-żewġt irġiel sħabu jidher li waslu mill-għerejjex ta' Nimrod, biex jieħdu ħsieb l-iġmla ma' tul it-triq.

GASPRU: Dal-ħin l-iġmla ilhom li strieħu biżżejjed. Nistgħu nitilqu.

*It-TLIET MAĠI jitlefilfu b'mantar li jgħattilhom rashom u għonqhom. Jaħbu l-kaxex ta' l-avorju ġewwa sidirhom taħt il-libsa ta' fuq u jitilqu b'rashom imgħaddsa wieħed wara l-ieħor.*

GHELUQ TAT-TIELET KWADRU

## IR-RABA' KWADRU

*XENA TA' QABEL:— Qabel ma jiftaħ il-Kwadru jinstema' it-tqawqib ta' saqajn iż-żiemel. Malli jinfetaħ il-kwadru l-ħoss jinstema' dejjem jiżdied u jersaq sakemm f'daqqa waħda jieqaf għal kollox. Wara ftit ifeġġ mill-mogħdija ta' wara l-irdum tal-bini qadim ARTABAN bil-ħatar f'idu. Iħares u jibri 'l hawn u 'l hinn. Fl-aħħar iwaqqaf il-ħarsa tiegħu lejn it-Tempju tas-Seba' Sferi.*

ARTABAN: Ħadd minnhom ma jidher . . . la fit-Tempju u lanqas hawnhekk. Telqu . . . ma stennewnix. Ħasbu forsi li jien ma tlaqtx. Ma ħasbux li kelli niddawwar sa dal-ħin . . . li jiena mat-triq kelli niltaqa' ma' dak l-imsejken ta' Lhudi mixħut għal mejjet taħt is-siġar tal-palm. Li kieku dana basruh, kienu iktarx jistennewni . . . (*Jitfa' l-ħarsa tiegħu lejn l-irdum tal-bini qadim fejn għajnejh jieqfu fuq il-parċmina mdendla ma' xifer il-ħajt u jaqra:—*
"Aħna stennejniek għal bosta ħin wara nofs il-lejl. Ma stajniex indumu aktar. Aħna sejrin insibu lis-Sultan. Ejja ltaqa' magħna ġewwa x-xagħri". It-Tliet Maġi sħabek.
(*ARTABAN, wara li jkun qara l-kitba tal-parċmina jgħatti wiċċu b'idejh it-tnejn mitluf minn sessih*). Kif jista' jkun li naqsam ix-xagħri waħdi, bla ikel, b'żiemel għajjien mejjet. Ikolli narġa' lejn Babilonja, nidħol il-Belt, inbigħ il-ġawhra l-kaħla tiegħi, inħalli ż-żiemel warajja, u nixtri l-iġmla u tagħmira ta' ikel għal



ma' tul it-triq. Ma' sħabi ma jkun qatt li niltaqa', u Alla jaf jekk ikollix ix-xorti li nara wiċċ is-Sultan, u dan kollu il-għaliex jiena iddawart ma wasalt hawnhekk biex naqdi dmiri . . . id-dmir li għalih is-Sema għażilni fost bnedmin oħra biex iħaddem il-ħniena tiegħi. Alla tas-Sewwa, Alla tal-Ħniena, urini Inti t-Triq biex nasal ħdejn Dak li Inti bgħatt f'din id-dinja biex juri l-ħniena Tiegħu lejna — ulied imsejknin li kellna infittxu t-triq Tiegħu fost id-dlamijiet li waqgħu fuq ħajjitna. Kewkba tas-Sema, wassalni int ħdejh. Agħtini dik ix-xorti li narah, imbagħad ħallini nagħlaq għajnejja għal dejjem.

(*Jibqa' jħares lejn is-Sema b'idejh it-tnejn miftuħa*).

GHELUQ TAR-RABA' KWADRU

(*Jissokta*)

---

# 'U PAĊI FL-ART . . .'

*Ta' EMLE. ATTARD*

Tinstema' ferrieħa
il-għanja tas-sliem,
li t-tfal qegħdin jgħannu
il-lum kullimkien.

Għax darba fid-dalma
ta' lejla xitwija,
ġo Betlem fis-sikta
hemm twieldet tarbija.

U ddawwal is-sema
u l-anġli kantaw
il-paċi lill-bnedmin,
u r-rgħajja skantaw.

U ġrew lejn il-grotta
fejn twieled Sultan,
(kif qalu dawk l-anġli)
kull ragħaj kien ferħan.

U nstemgħet ferħana
il-għanja tas-sliem
minsuġa mill-anġli,
u għannewha flimkien.

Hekk għadha kull sena
f'Diċembru tinstema'
il-għanja tal-paċi
bħal nieżla mis-sema.

Hemm bosta jiftakru
fil-hena u s-sliem
li qalb tant tixtieqhom,
mhux ġlied mingħajr tmiem.